KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tal-wiehed u ghoxrin (21) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 12 ta' Lulju, 2016, fil-4.30 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-għoxrin–il (20) laqgħa, tat-Tlieta, 14 ta' Gunju 2016, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti:

i. Summer Courses – Is-Sindku innota li qed isiru biss korsijiet tal-mosaic, arts u crafts peress li ma kienx hemm biżżejjed applikazzjonijiet għal korsijiet l-oħra. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri qal li jkun sew jekk is-sena d-dieħla jinbidlu l-korsijiet.

ii. Il-Kunsilliera Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni rigward minuti numru 20 fejn ġiet mistoqsija fl-liema pagamenti ma qablitx u fejn intqal li hi kienet konxja għal kull pagament li għadda waqt il-laqgħat meta hi kienet kunsilliera. Hi kompliet tgħid li kien biss ricentament li bdiet tiġi mmarkata l-iskeda tal-pagamenti jekk il-pagament hux Tender (T),Quotation (Q) jew Direct Order (D). Il-Kunsilliera Josianne Cutajar innotat ukoll li meta kienu qed jinqabzu l-budgetary items ma kinitx qed tingibed l-attenzjoni ghal dan mis-Segretarja u s-Sindku li kienu responsabbli jaghmlu dan. Il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li l-pagamenti għandhom jitħallsu u ma tarax problemi la hemm budget għalihom u jkun sar ix-xoghol għalihom. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li min irrid isaqsi ghax x'hin ikun tghadda pagament ikun tghadda. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar qalet li hi fejn indunat jew tinduna b'xi irregolarita' hi gibdet u se tkompli tigbed l-attenzjoni pero hi trid li tingibed l-attenzjoni mis-Segretarju u s-Sindku li

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

huma responsabbli ghal dan skont il-ligi fejn hi ma tindundax. Qalet ukoll li hu importanti li l-pagamenti jigu ccertifikati kif suppost.

**3. Korrispondenza:**

(5561) Circular LCA Circ 35/2016 dwar Energy Union and Climate Change

(5562) Risposta għal PQ 26178 dwar bankini u culverts

(5563) Risposta għal PQ 26179 dwar bini u tiswijiet ta’ ħitan tas-sejjieħ

(5564) Risposta għal PQ 26176 dwar xiri ta’ concrete

(5565) Risposta għal PQ 26175 dwar kuntratti ta’ servizz

(5566) Ittra mingħand Dr.Renata Formosa dwar Daħlet ta’ Gazaman biex dan jigi mogħti isem ieħor. Il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri ssuġerixxa lil Ġużi Muscat minħabba isem ġdid tat-triq. Il-Kunsill qabel fuq dan.

(5567) Cirkulari Numru 3/2016 dwar maratona tal-Volleyball b’risq id-Dar tal-Providenza

(5568) Ittra mingħand Pierre Cauchi rigward il-kjoskijiet fi Pjazza 28t’April 1688. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dejjem jiżdidu l-kiosks. Hu talab lil kunsilliera biex jipproponu postijiet oħra fejn jistgħu jitpoggew. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri issuġġerixxa li postijiet ġodda għandhom jiġi pjanati f’Marzu u mhux fiż-żmien tal-festa fejn jibdew jitħallsu l-permessi.

(5569) E-mail mingħand Jeanette Abdilla dwar l-iżbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2015. Is-Sindku nnota li ser tiġi onorata kull deċiżjoni tad-direttur fil-laqgħa fejn ser niltaqgħu miegħu.

(5570) Invit mingħand il-Ministeru għal Ghawdex għall-inawgurazzjoni taċ-Ċittadella

(5571) Nota ta’ringrazzjament mingħand is-Socjeta Filarmonika Mnarja

(5572) Invit mill-Kunsill Lokali Qala għall-inawgurazzjoni tal-progett tal-Belvedere Anton Camilleri

(5573) Cirkulari Nru. 4/2016 dwar gheluq tal-process ta’ intervisti ghal kandidati għall-iskema ta impjieg inklussiv fil-Komunita’

(5574) Cirkulari Nru. 5/2016 dwar kjarifika ghal Cirkulari 2/2016 – Permessi għall-Hatt ta’ merkanzija minn fuq trailers

(5575) Cirkulari 6/2016 dwar l-obbligi u dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi

(5576) E-mail mingħand il-GTA dwar estensjonijiet u tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq barra tar-ristoranti. Is-Sindku innota li s-Segretarja Ezekuttiva attendit din il-laqgħa u l-perit qed ibiddel il-pjanta skont il bżonn.

(5577) E-mail mingħand Marlene Portelli fejn titlob li titranġa t-triq Tori Sopu. Kien hemm qbil li din it-triq issir bil-patching.

(5578) Ittra rigward il-ħaddiema li qeghdin fuq Community Work Scheme

(5579) Programm "Aqra Mieghi" mibgħut mingħand L-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu

(5580) Kopja tal-kuntratt rigward il-Fundazzjoni Gozo Action Group li minnha il-Kunsilli Lokali jifformaw parti. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jkun nominat u fin-nuqqas tiegħu l-Vici Sindku.

(5581) Talba minghand il-LESA għal rendikont bil-punti li nixtiequ nwasslulhom biex b'hekk ikunu jistgħu jassistuna fir-rigward. Is-Sindku talab sabiex min għandu lmenti jinfurmana u nghidulhom.

(5582) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Seminar għal Kunsilli u NGO's għawdxin rigward il-European Mobility Week.

(5583) Direttiva Nru. 1/2016 rigward Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri, l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u Micheal Camilleri astjenew għax qalu li hu obbligu li l-kumitat tal- finanzi jkun fis-sehh u li qed tinkisser il-ligi. Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda: €50 lil Marvin Camilleri u €50 lil Mario Mercieca għal għajnuna waqt Wirja Agrarja biex inżarmaw. €200 lil Josef Camilleri għal ko-ordinazzjoni tal-Wirja Agrarja. Ħlas tal-bulky refuse ta' Gunju. Portelli Print għal Leaflet ta' NYFC u Anaca Photography.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet mozzjoni li għandu jitwaqqaf kumitat tal-finanzi. Il-Kunsillier Micheal Camilleri issekonda din il-mozzjoni. Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni ghandha tigi kkunsidrata b'mod holistiku u li huwa kontra din il-mozzjoni f'dan l-istadju u qal li kif talab id-direttur ser niltaqgħu miegħu u tiġi onorata kull deċiżjoni tad-direttur. Il-Viċi Sindku

issekonda lis-Sindku u Dr. Rita Mifsud favur id-decizzjoni tas-Sindku. Il-Kunsilliera Josianne Cutajar innotat li huwa obbligu tal-Kunsill li jitwaqqaf il-kumitat tal-finanzi meta jkun fis-sitwazzjoni finanzjarja indikata mill-ligi u mhux tad-DLG li jordna dan. Hi kompliet tgħid li hi taqbel mal-punt fejn niltaqgħu mad-direttur izda li l-parti l-oħra tal-kumitat tal-finanzi huwa obbligu li l-ligi tpoggi direttament fuq il-kunsill u mhux fuq id-DLG.

Approvazzjoni tal-Budget u Quarterly Financial Statements- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar tablet biex dawn jitpoġġew fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss u jkun hemm l-accountant għal-laqgħa tal-Kunsill biex tiġi mistoqsija xi affarijiet. Is-Sindku għamel mozzjoni biex dawn jigu approvati u jittellgħu fuq il-website. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ssekonda din il-mozzjoni u l-Kunsilliera Dr Rita Mifsud ivvutat favor ukoll. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u Micheal Camilleri qalu li ma setghux japprovaw dawn u jastjenew abbazi ta dan il-fatt.

Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri, l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda kollha kemm hi.

**5. Mnarja 2016- Post Mortem:**

Il-Kunsillier Micheal Camilleri staqsa jekk tnadfux it-toroq wara l-Imnarja. Is-Sindku informa lill- kunsilliera li tnaddfu.

Il-Vici Sindku nnota li biex titkabbar aktar il-wirja irridu nagħtu aktar impenn u jinsabu aktar nies li jieħdu sehem u jgħinu. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud staqsiet jekk hux ser jkun hemm re branding. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li qed jaħdmu fuq dan u ser tigi diskussa aktar il quddiem.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar faħret u irringrazzjat lil dawk il-volontiera kollha li għenu biex l-attivitajiet tal-festa jkunu ta' suċċess.

Is-Sindku innota ukoll li l-attivitajiet kollha tal-Kunsill kienu ta' suċċess li kienu l-Wirja Agrarja, l-logħob tat-tfal u l-fun games fost l-ohrajn.

Is-Sindku informa lill- Kunsilliera li waqgħet tinda uzata mill-Kunsill bir-rih u għamlet ħsara lil karozza ta' Shaun Muscat. Il-Kunsilliera qablu li għandu jitħallas l-ħsara. Is-Sindku informa ukoll lil Kunsilliera li xufier ta' xarabank għamel ħsara fuq il-platform li tkun armata fil-pjazza. Is-Segretraja għamlet rapport lil pulizija fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**6. Wine Festival 2016**

Is-Sindku innota li l-armar ta' din l-attivita' ser jintrema' fil-gimgħa tal-Wine Festival stess. Is-Segretarja ser toħrog is-sejħa għal kwotazzjonijiet fuq sound u dawl għal Wine Festival. Is-Sindku innota li hemm konfermat stands tal-ftajjar u platters, pork u fenek, chinese, baguettes, crepes u helu u zewg bars. Is-Sindku qal li ser jkun hemm BBQ tal-għaqda tan-Nar għax huma biss applikaw. Hu kompla jgħid li fadal wisa għal restaurant u stand tal-għagin (fil quotation tad-dawl ser ikunu subject to availability).

Is-Sindku nnota li qed jintalbu biex ikunu sponsor tas-soltu l-kumpanija Coca-Cola għal bars.

Is-Sindku informa lil Kunsill li din is-sena intalab rega għajnuna lil Delicata għal entertainment. Is-Sindku kompla jgħid li dejjem din l-attivita' kienet organizzata ma' Delicata u l-Kunsill u s-sena l-oħra ħallsu parti minn l-entertainment u din is-sena ser iħallsu kważi l-entertainment kollu.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet jekk hemmx bizzejjed fondi tal-kunsill budgeted għal din l-attivita' u dan anke in vista tal-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-izbilanc finanzjarju. Is-Sindku nnota li barra li ser jithallas kwazi l-entertainment kollu jkun hemm dhul ukoll mill-istands. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar li jekk m'hemmx budgeted flus x'jagħmel il-Kunsill, iwaqqaf il-Wine festival? Dr. Josianne Cutajar innotat li għandna naraw hemmx bizzejjed flus ghal din l-attivita' fil-budgetary item rispettiv u jekk le naraw nistgħux nagħmlu budgetary allocation min xi haga oħra. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar min liema budgetary item ser jittieħdu? Tal-pagi jew tat-toroq? Is-Sindku rega staqsa lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar li jekk m'hemmx x'naghmlu? Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar tablet biex l-kunsill jistaqsi lil accountant fuq dan peress li l-accountant hi l-persuna professjonali li tista' tindika mill-liema budgetary item iehor nistghu niehdu. Is-Sindku nforma lill- Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar li mhux qed nkunu prattici b'dan il mod. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar nnotat li hi temmen li hemm budgetary item għal din l-attivita' imma dejjem ikun ahjar jekk naraw u jsiru l-adjustments necessarji jekk ikun hemm bzonn.

Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-program tal-entertainment ser ikun hekk b'dawn il-ħlasijiet:-

Il-Gimgħa 19 ta' Awissu: Ronald Briffa (presenter u DJ –€150), MAE duet (€150), Elaine Haber (€25euro), New Identity Line Dancers (€120), Gozo Boy Band (€250), Pierre Zammit (€100), Straight Ahead (€400).

Is-Sibt 20 ta' Awissu: Pierre Cordina (presenter u DJ – €300), Novel Band (€300), Rebecca Bonello (€25), Isaiah Muscat (€25), Kelly Cassar with Band (€150), Upper Lip (€400).

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Hadd 21 ta' Awissu: Francesca Zarb (€125), Sarah Bonnici (€25), D Capital Band (€500), Joseph Refalo (€90), Jolene Samhan (€25), Cash and Band (€450).

Kien hemm qbil unanimu fuq il-program kollu.

Kien hemm qbil ukoll li jitqabbdu Security tal-kumpanija Security First peress li dejjem taw servizz tajjeb fil-passat. Il-Kunsill kollu qabel fuq il-kwotazzjoni bil-prezz ta' 887.76 euro ghal sitt securitites kuljum (tlett tijiem) u għal sitt sigħat. Hawnhekk gie nnutat li Joe Mercieca ta' Security First ghamel xi xoghol fl-ahhar xhur relatat mal-Monti u ma jridx hlas tieghu.

Is-Sindku innota li ser jkunu ordnati pulizija u warden ukoll.

Il-bars ser jittellgħu bix-xorti. Is-Sindku ssuġġerixxa li jigu nformati l-għaqda Armar Triq il-Kappillan jekk irridux l-istand tal-għagin.

**7. Materji Ohra**

i. Il-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet ghal leasing tal-photocopier:-

*SG Solutions*:

Lease of Equipment - €21/month + €4 for 100-sheet reverse (excluding VAT)

Monthly copy charge per A4 copy = €0.0098

Laser Unit, A6 to A3 paper, USB, Scanning.

*Xerox:*

Copier, Printer, Scanner

Monthly rate of €28 (including VAT)

Full Service Maintenance Agreement of €0.0095 for five years.

*Kyocera:*

€33.04 (inc VAT) monthly.

€0.01,3 per page.

Il-Kunsill ghazel l-orhos kwotazzjoni ta' Xerox

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

ii. *Art fi Triq Fatima*:- Il-Kunsill ircieva talba mingħand Dr. Nadia Vella f'isem residenti ta' din it-triq dwar problema f'reġistrazzjoni ta' art. Is-Sindku iltaqa' ma' Dr. Nadia Vella u jidher mis-site plan u mill-post li meta sar il-progett, bi żball ġie irregistrat parti mil-proprjeta' tal-familja Bartolo wkoll. Hu kompla jgħid li l-passagg ma jintmessx għax dak huwa pubbliku. Is-Sindku innota li jrid isir korrezzjoni man-nutar u biex imbagħad il-familja Bartolo jkunu jistgħu jirregistraw l-art. Il-Kunsill qabel ma dan.

iii. *Skips San Blas*: Is-Sindku informa lil Kunsilliera li dawn ġew vandalizzati. Is-Segretarja għamlet rapport mal-pulizija u sar kuntatt ukoll ma' Green Mt fuq dan.

iv. Charter: Adults – 15-19 September UK. Il-Kunsill qabel li tmur is-Segretarja Eżekuttiva u l-Kunsillier Micheal Camilleri. Il-Vici Sindku innota li iltaqgħu l-grupp li sejjrin tac-charter u li fil-passat dejjem inxtraw xi xorb tipiku Malti mill-Kunsill biex jehduhom maghhom. Il-Kunsill qabel fuq dan.

Youths – 8-11 September Portugal – Il-Kunsill qabel li jmur Dylan Camilleri u Maria Victoria Theuma.

Dan il-ħin gie skuzat il-Kunsillier Micheal Camilleri u talab biex jigi skużat fil-laqgħa li jmiss peress li ser ikun imsiefer. Is-Sindku innota li peress li hu ser ikun imsiefer fuq honeymoon il-laqgħa trid issir fil-bidu tax-xahar.

v. Requests:

Patching: Triq Irdum Bajja San Blas, Triq Wied Rihan, Triq Sopu, Triq Rdum Vnuta, Triq Qortin. Il-Kunsill qabel ma dan

Is-sindku nnota li fin-nizla ta' San Blas hemm xi ħofor u haxix u buzbiez fil-Wied ta' San Blas. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat li hemm bzonn ukoll ta' qtugh ta' haxix u buzbiez, kif ukoll patching, l-isfel mill-parking fin-nizla tal-bajja ta' San Blas, jigifieri l-parti li tiehu ghall-ghelieqi (L-Irdum il-Kbir) u anke fil-Wied ta' San Blas.

Ilment biex titranga r-rampa tar-residenza ta' Grima fi Triq Grunju.

Ilment rigward Kanna taht bankina l-bankina biex titranġa fi Triq ta Said.

Ilment biex titranġa tappiera fi Triq Madre Gemma Camilleri.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Ilment mingħand familja Agius fi Triq ta' Said rigward bzonn ta' cement u tinkixef tappiera.

Ilment rigward żbir ta' xi siġar fi Triq il-Qortin u palm ta' Triq DC Cocco Palmeri.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bozza ta' San Blas ħdejn il-partita.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward Triq MF Isqof Buttigieg fejn qed jinzam l-ilma. Is-Sindku innota li minħabba l-qagħda finanzjaru tal-Kunsill bhalissa din ma tistax issir u peress li hemm b'kollox erbgħa talbiet ta' toroq oħra. Hu kompla jgħid li jekk issir ta' wieħed trid issir ta' l-oħrajn ukoll u l-erbgħa li huma jigu jiswew ħafna flus. Il-Sindku mar fuq il-post mal-Perit tal-kunsill.

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud staqsiet rigward post vojt li jkun hemm waqt il-monti fi Triq Dun Bernard Haber. Is-Sinku nforma lil kunsilliera li dan qed il-post qed jigi imħallas u ma jiġux dejjem. Is-Sindku innota ukoll li l-Kumpanija Security First marru xi drabi fuq l-monti u mingħajr hlas peress li l-Kunsill jirrispetta l-Kumpanija tiegħu.

Dan il-ħin il-Kunsill tellgħa l-Bars tal-Wine Festival 2016 u telgħu n-Nadur Youngsters Football Club u Ghaqda Armar Triq Dicembru 13th.

**10. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-5:47p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Awissu 2016, fil-4.00 p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva